XEWKIJA

*MINUTI*
*KUNSILL LOKALI XEWKIJA*
*LAQGĦA NRU 421*
*IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 49*
*Il-Ġimgħa 14 ta' Jannar, 2011*

*Il-Membri tal-Kunsill tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-6.40pm.*

*Preżenti:* *Dr. Monica Vella - Sindku*
*Mr. Joseph Vella - Viċi Sindku*
*Mr. Teddy Mizzi*
*Mr Hubert Saliba*

*Skużata:* *Dr. Marthese Portelli*

*Uffiċjali:* *Mr. Ruben Cassar*

*Intqalet it-talba.*

*Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 420 kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u ġew approvati unanimament.*

**1. Mill-Minuti 420**

**Paġna 2 Paragrafu 5 v, Mill-Korrispondenza:-** Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li l-Kumitat Reġjonali ta' Għawdex iddiskuta dwar il-problema tal-patching ta' trinek tal-WSC peress li r-rata ta' €50 għal kull servizz ma tkoprix l-ispejjeż involuti u anke bagħtu email lill-AKL dwar dan. L-AKL bħalissa għaddejja b'negozjati dwar il-ħlas ta' €50. Din ir-rata ma tantx tista' tinbidel peress li hemm kuntratt iffirmat bejn l-AKL u l-WSC. Din ir-rata kienet ġiet stabbilita mit-Transport Malta.

**2. Roundabout fi Triq Mitħna**

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li peress li rċevejna ilmenti dwar nuqqas ta' tħaris tar-roundabout li saret fi Triq il-Mitħna, waqt laqgħa tal-Kumitat Konġunt talbet sabiex il-Gwardjani Lokali jagħmlu xahrejn kampanja edukattiva biex is-sewwieqa jibdew josservaw aktar ir-roundabout. Għalkemm l-Kumitat Konġunt ried li jingħataw ċitazzjonijiet mill-ewwel, is-Sindku nsistit u ġie miftiehem li għandha ssir kampanja edukattiva. Wara dawn ix-xahrejn jekk ikun hemm minn ma jsuqx skond kif suppost u ma jobix ir-regolamenti se jibdew joħorġu ċ-ċitazzjonijiet. Dan hemm bzonn li jsir peress li qed ikun hemm periklu kbir minn min jabbuża u jgħaddi kontra l-linja u ma josservax tajjeb is-sinjali tat-traffiku li saru.

**3. Il-Kunsill approva li jsiru l-ħlasijiet kif imniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 6-36**

F'dan il-ħin (is-7.15pm), fil-kamra tal-laqgħat daħal il-Viċi Sindku.

## 4. Karnival 2011

Il-Kunsill iddiskuta dwar l-attivitajiet li għandna norganizzaw fi żmien il-karnival. Il-Kunsill qabel li għandhom jiġu organizzati l-attivitajiet li ta' kull sena jsiru l-Ġimgħa, s-Sibt u l-Ħadd. Il-Ġimgħa jsiru l-kompetizzjonijiet tal-kostumi għat-tfal liema attivita ssir fiċ-Ċentru Parrokkjali. Is-Sibt issir l-attivita prinċipali fi Pjazza San Ġwann Battista fejn ikun hemm ukoll il-kompetizzjonijiet tal-karrijiet u jieħdu sehem diversi kumpaniji ta' żfin. Il-Ħadd issir l-isfilata tal-Karnival u l-Kukkanja. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru l-preparamenti kollha biex dawn l-attivitajiet ikunu jistgħu jsiru.

Is-Sindku pproponiet sabiex il-Ġimgħa norganizzaw ukoll il-ballu tal-Karnival fil-Pjazza San Ġwann Battista. Il-Kunsill qabel li dan ikun jista' jsir jekk jirnexxielna niksbu sponsor biex tintrama' tinda kbira. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu sponsor lill-Wasteser Ltd biex din it-tinda tkun tista' ssir.

## 5. Għid 2011

Is-Sindku pproponiet sabiex għal żmien il-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid issir wirja fi Ġnien Ta' Blankas. Il-Kunsillier Teddy Mizzi ppropona li nkellmu lil tal-Għaqda Drammatika tax-Xewkija biex din l-attivita tkun tista' ssir flimkien. Il-Kunsill qabel ukoll li biex din tkun tista' ssir ikun hemm bżonn li jsiru xi xogħljiet fl-istess ġnien.

## 6. Kisi ta' toroq bit-tarmak taħt l-iskema Public Private Partnership (PPP)

Dawn l-aħħar ġimghat kelna korrispondenza kontinwa mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u s-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali dwar l-offerta li l-Kunsill kien ħareġ għall-kisi ta' toroq bit-tarmak taħt l-iskema tal-PPP. Cynthia Misokova mis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali nfurmat lill-Kunsill li peress li f'Għawdex ir-rati tat-tender tal-PPP qed ikunu għoljin ħafna, l-iskema se tinħadem differenti minn dik ta' Malta. Huma qed jipproponu l-kuntrattur jitħallas mill-ewwel u mhux fi żmien tmien snin. Minflokk 30% tal-istima oriġinali tal-Perit huma ser jgħaddu lill-Kunsill 50% tal-istess stima. Dan ikun ifisser li l-Kunsill tagħna jingħata €94,603 fuq il-ħames toroq li għandna applikati taħt din l-iskema. It-toroq huma Triq Indri Borg, Triq L-Għarus, Triq Arċ. Grech, Triq Jean De La Vallette u Triq Sant'Elija. Il-Kunsill qabel li din is-somma mhux se tkun biżżejjed peress li l-istima tal-Perit kienet baxxa għal fejn ir-rati attwali tal-offerta. Peress li l-Kunsill kien ħareġ offerta oħra għall-kisi ta' toroq bit-tarmak mill-fondi tiegħu u liema offerta hija valida għal tlett snin, ġie propost li dawn it-toroq jinħadmu bir-rati ta' din l-offerta anke minħabba l-fatt li l-kuntrattur se jitħallas mill-ewwel u mhux fi żmien tmien snin. L-istima tal-Perit Saliba bir-rati ta' dan it-tender telgħet għal €300,259.30. L-istima tal-Perit bir-rati tat-tender taħt l-iskema PPP telgħet għal €579,181.00. Għalhekk il-Kunsill talab lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u lis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali biex jingħata 50% tat-€300,259.30 u x-xogħol isir fuq perjodu ta' sentejn flokk sena waħda. B'hekk il-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jħallas lill-kuntrattur konċernat malli x-xogħol ikun ġie ċertifikat li sar tajjeb. Il-Kunsill talab ukoll sabiex jingħata l-fondi dwar l-ispejjeż li l-WSC tkun trid tagħmel biex tbiddel mains u servizzi tal-ilma fil-ħames toroq li għandna taħt din l-iskema. Il-Kunsill qed jistenna risposta minn naħa tad-Dipartiment u tas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali dwar din il-proposta tiegħu.

Jekk din il-proposta tiġi aċċettata l-Kunsill ikun jista' jibda x-xogħlijiet ta' kisi bit-tarmak fl-imsemmija toroq.

**7. Offerta dwar is-servizz għall-ġbir ta' skart**

Fit-30 ta' Diċembru saret laqgħa ma' KIP Għawdex Ltd dwar l-offerta għal servizz ta' ġbir ta' skart domestiku. Din l-offerta kienet saret flmkien mal-Kunsilli Lokali tal-Munxar, Ta' Sannat u tax-Xagħra. Wara diskussjonijiet li saru qabel flimkien mal-Kunsilli Lokali imsemmija u mal-KIP Għawdex Ltd, ir-rata tal-offerta kienet ġiet mraħħsa iżda l-Kunsill tagħna kien għamel proposti oħra u għalhekk talab biex issir din il-laqgħa. Minn naħa tal-Kunsill kien hawn preżenti s-Sindku, l-Kunsillieri Teddy Mizzi u Hubert Saliba u s-Segretarju Eżekuttiv. Minn naħa ta' KIP Għawdex Ltd kien hawn preżenti Laurie Zammit u Marcel Bonnici. Matul dik il-laqgħa ġew diskussi l-proposti li kien għamel il-Kunsill fl-aħħar laqgħa tiegħu. Marcel Bonnici u Laurie Zammit nfurmaw lill-Kunsill li ma jistghux jaċċettaw it-tieni proposta, fejn ġie propost li r-rati tat-tender jinbidlu. Huma qalu li se jikkonsidraw l-ewwel proposta li għamel il-Kunsill fejn intalab li jingħata sponsor kull sena.

Il-Kunsill reġa' ddiskuta dwar din l-offerta u qabel unanimament li għandna naċċettaw li niffirmaw il-kuntratt. Il-kuntratt se jidħol fis-seħħ mill-1 ta' Marzu u b'hekk ir-residenti jilħqu jiġu avżati bit-tibdil li ser iseħħ fil-ġranet u ħinijiet tal-ġbir tal-iskart. Il-Kunsill qabel li ninformaw lill-Kunsilli Lokali l-oħra biex ikun jista' jsir l-iffirmar tal-ftehim ta' dan il-kuntratt.

**8. Budget 2011 u Business Plan 2011-2013**

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali nforma lill-Kunsilli Lokali bis-somma li se jieħdu bħala allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2011. Peress li kien hemm tibdil żgħir fil-budget u Business Plan li ġew approvati mill-Kunsill fl-aħħar laqgħa tiegħu, is-Segretarju Eżekuttiv għamel l-emendi neċessarji. Id-dokumenti tqassmu lill-membri kollha tal-Kunsill. Il-Kunsill reġa' ddiskuta l-Budget għas-sena 2011 u l-Business Plan għas-snin 2011/2013 u ġew approvati unanimament.

**9. Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa**
**Mill-Korrispondenza**

i. Cynthia Misokova mis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali nfurmat lill-Kunsill Lokali dwar il-Konferenza Ġemellaġġi li ser issir fil-11 u 12 ta' April 2011. Fost affarijiet oħra qed jiġi mistieden artist wieħed minn kull lokalita barranija li hija ġemellata ma' lokalita minn Malta. Peress li din il-konferenza ser issir mill-programm Europe for Citizens ser tingħata għajnuna ta' €100 għal kull persuna li tiġi minn barra biex tkopri l-ispejjeż ta' akkomodazzjoni u trasport bejn il-post fejn tkun qed toqgħod u fejn isiru l-attivitajiet. Kull lokalita jista' jkollha sa ħames rappreżentanti tagħha. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li hija diġa għamlet il-kuntatti mas-Sindku Dr Mario Scetta ta' Castelvenere dwar din il-konferenza u għalhekk ser isiru l-applikazzjonijiet kif mitlub fil-korrispondenza ta' Cynthia Misokova.

ii. L-AKL infurmat lill-Kunsilli Lokali dwar konferenza li ser issir fit-18 ta' Frar. It-tema tal-konferenza hija dwar il-politika nazzjonali dwar l-ilma. Kull min jixtieq jattendi għandu jibgħat email lill-AKL.

iii. Is-Surmast tal-Iskola Primarja nforma lill-Kunsill li fl-okkażjoni tal-150 anniversarju mill-ftuħ tal-ewwel skola primarja fix-Xewkija ser isir monument fil-ġnien tal-iskola. Huwa bagħat ukoll disinn tal-istess monument. Is-Surmast talab l-għajnuna tal-Kunsill sabiex dan il-monument ikun jista' jsir. Huwa qed jitlob sabiex il-Kunsill jixtri madwar sittax il-kantun (tal-bricks) biex jinbnew bħala pedestal. Fuqhom se titpoġġa blata artistika. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu aktar informazzjoni dwar it-tifsira ta' dan il-monument.

iv. Id-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali nforma lill-Kunsill li l-applikazzjoni dwar l-iskema speċjali dwar attivitajiet bl-isem Fiori D'Argenta kienet ġiet aċċettata. Il-Kunsill ser ikun qed jingħata €7,000 biex jorganizza din l-attivita. L-applikazzjoni l-oħra taħt l-istess skema li kienet dwar l-attivita tal-Karnival ma' ġietx aċċettata. Il-Kunsill qabel li għandna nibdew naħdmu dwar l-attivita Fiori D'Agenta u għalhekk ser issir laqgha nhar l-Erbgħa 2 ta' Frar. L-għaqdiet li kienu urew interess biex jgħinu f'din l-attivita se jiġu mistiedna biex jattendu din il-laqgħa.

v. Id-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali nforma lill-Kunsill li l-allokazzjoni għas-sena finanzjarja 2011 se tkun ta' €306,570.

vi. Mariella Spiteri ta' Yellow Pages staqsiet lill-Kunsill jekk hux interessat li jpoġġi l-indirizz tal-website minbarra l-informazzjoni l-ohra fuq l-edizzjoni li jmiss tal-Yellow Pages. Biex isir dan qed jintalab ħlas ta' €29.74 għal sena. Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta.

vii. Il-Kunsill kien irċieva avviżi minn għand il-Mepa dwar l-appelli li għandna kontra l-bini ta' Waste Transfer Station. Il-Kunsill qabel li għandna niltaqgħu mal-Perit Lino Bianco u anke mal-Wasteserv Ltd biex naraw xi ftehim jista' jintlaħaq u anke x'jista' jsir flimkien fi Ġnien ta' Blankas u inħawi oħra (bħal bini ta' ħitan tas-sejjieħ). Wara li l-Kunsill ikun sodisfatt b'dan il-ftehim dawn l-appelli jiġu rtirati.

viii. Is-Surmast tal-Iskola Primarja tax-Xewkija ssuġġerixxa sabiex triq fir-raħal tax-Xewkija tiġi imsemmija b'tifkira tal-150 anniversarju mill-ftuħ tal-ewwel skola fix-Xewkija. Il-Kunsill diġa kien iddiskuta dan is-suġġett fil-passat u kien qabel li meta tkun se tissemma' triq ġdida se jitlob lill-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq biex jikkonsidra din il-proposta.

## 10. Materja oħra

i. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li fi Triq is-Salib hemm bżonn teħel lampa ġdid peress li hemm parti minnha li hija mudlama ħafna. Il-Kunsill qabel li napplikaw biex teħel lampa ġdida.

ii. Il-Kunsillier Teddy Mizzi ppropona li niktbu ittra lill-Ministru Għal Għawdex biex Triq Baqqari u Triq is-Salib jingħataw kisja tarmak peress li dawn iż-żewġ toroq għadhom qatt ma' ngħataw tarmak u jinsabu fi stat ħażin. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

iii. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li kellha ilmenti simili dwar Triq Dar ir-Rumani biex tingħata kisja tarmak. Il-Kunsillier Hubert Saliba qal li huwa wkoll kellu lmenti dwar parti ġdida fi Triq Arc. Grech. Il-Kunsill qabel li niktbu ittra lill-Ministru Għal Għawdex dwar dawn it-toroq biex isiru bit-tarmak. Dawn jaqgħu taħt ir-responsabilta tal-Ministeru Għal Għawdex għar-raġuni li huma toroq ġodda u għadhom qatt ma ngħataw kisja tarmak.

iv. Il-Perit Saliba għadda l-pjanta ta' proposta għal-traffic management fi Triq Torri Tingi kantuniera ma' Triq Ħġejjeġ wara li għamel l-emendi kif kien mitlub mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma' din il-pjanta u għalhekk ser issir l-applikazzjoni mal-Bord tat-Traffiku biex tiġi approvata.

v. Il-Kunsill iddiskuta dwar il-problema tal-Kiosks fi żmien il-festa tar-raħal. Il-Kunsill qabel li għandna nibgħatu ittra lill-Kumitat tal-Armar (Triq San Bert) biex naraw jekk għadx għandhom oġġezzjoni li l-Kiosks jarmaw fi Triq San Bert.

vi. Charlie Attard ta' Redentur, Triq Sant'Indrija, Xewkija, talab li jingħata materjal biex jirranġa l-bankina ta' post li huwa għandu fl-istess Triq Sant'Indrija. Dan kien post antik u issa irranġah. Il-bankina li hemm fil-preżent hija tal-konkos u imkissra ħafna u perikoluża. Għalhekk huwa lest li jagħmel ix-xogħol meħtieġ jekk il-Kunsill jagħtih il-madum u l-kurduna. Il-Kunsill qabel li nagħtuh il-materjal biex din il-bankina tkun tista' ssir.

vii. Domenica Vella ta' 55 Triq is-27 ta' Novembru 1678, Xewkija talbet biex is-sinjali sofor li hemm fil-kantuniera tat-triq fejn toqgħod hi kantuniera ma' Triq Ta' Ġokk jitwalu ftit ieħor. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom ikunu kif approvati u għalhekk tul ta' ħames metri.

viii. Il-Kunsill qabel li għandna noħorġu kwotazzjoni biex jinxtara cold asphalt u anke biex isir xogħol ta' patching.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.15pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa 16 ta' Frar, 2011 fis-6.30pm.

| | |
|---|---|
| Ruben Cassar | Av. Monica Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

XEWKIJA

## Skeda ta' Pagamenti

Data: 14.01.2011 Nru: 6-36

| Nru | Deskrizzjoni | Isem/Kuntrattur | Ammont (Euro) | Ċekk Nru |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Mouse & Colour Cartridges | Island Tech | 84.00 | 8405 |
| 2 | C.M. fees Dec'10 | Galea Curmi Eng. Cons. | 88.40 | 8406 |
| 3 | Lampi etc. | Hilite | 55.10 | 8407 |
| 4 | Trasport - Kotba/Hedge Trimmer | Gozo Express Services | 31.86 | 8408 |
| 5 | Stationery | Office Club | 120.60 | 8409 |
| 6 | Żebgħa | Reno's Ironmongery | 33.75 | 8410 |
| 7 | Magazine 'Sharing' | Gozo College Xewkija P | 47.00 | 8411 |
| 8 | Kotba - Jum ix-Xewkija | Toy Metro | 55.00 | 8412 |
| 9 | Ikla tal-Milied-Kunsilliera/Staff | Manuel Sultana | 375.00 | 8413 |
| 10 | Arma tax-Xewkija-Jum ix-Xewkija | Joseph Camilleri | 50.00 | 8414 |
| 11 | Bulky Refuse/Open Skip | Joseph Attard | 411.41 | 8415 |
| 12 | Rigali ħarġa Anzjani | Bil-Lira | 240.00 | 8416 |
| 13 | Entertainment-Party Milied (tfal) | Maria Homoki | 295.00 | 8417 |
| 14 | Tindif tat-toroq Diċembru 2010 | Xewkija Tigers F.C. | 923.81 | 8418 |
| 15 | Patching u xogħol | Joseph Magro | 301.04 | 8419 |
| 16 | Party tat-tfal-ikel u xorb | Joseph Agius | 332.40 | 8420 |
| 17 | Refuse Collection Diċembru 2010 | K.I.P. Għawdex Ltd. | 2720.40 | 8421 |
| 18 | Ħarġa Anjani ikla | Arka Respite Centre | 640.22 | 8422 |
| 19 | Electronic Equipment etc - Insurance | Compass Group Ltd. | 379.59 | 8423 |
| 20 | Servizz Librerija Diċembru 2010 | Librara | 196.76 | 8424 |
| 21 | Tindif tal-Uffiċċju Jannar 2011 | Publia Xerri | 60.00 | 8425 |
| 22 | Tindif tal-Uffiċċju Jannar 2011 | Pauline Xerri | 60.00 | 8426 |
| 23 | Letter Lion - Jum ix-Xewkija | E.L.C. | 32.20 | 8427 |
| 24 | Website update/DVD Jum ix-Xewkija | Philip Cassar | 440.00 | 8428 |
| 25 | Cancelled | | | 8429 |
| 26 | Servizz-Diċembru 2010 | Acc.Public Clean.Sec.Gozo | 282.53 | 8430 |
| 27 | Programm Jum ix-Xewkija 2010 | Soċjeta Filarmonika Prekursur | 815.00 | 8431 |
| 28 | Kotba | Museum Subien | 30.00 | 8432 |
| 29 | Cartridges etc. | Island Tech | 55.00 | 8433 |
| 30 | ADSL Librerija | Go plc | 13.87 | 8434 |
| 31 | Kont tat-telefon u fax | Go plc | 207.11 | 8435 |
| 32 | Avviż - Laqgħa Pubblika 2010 | Standard Publiblications Ltd. | 52.86 | 8436 |
| 33 | Avviż - Laqgħa Pubblika 2010 | Media Link Communications | 54.75 | 8437 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 34 | Salarju Jannar 2011 | Segretarju Eżekuttiv | 1419.05 | 8438 |
| 35 | Salarju Jannar 2011 | Assistant Pricipal | 1127.34 | 8439 |
| 36 | Mayors' Allowances Jannar 2011 | Sindku | 530.33 | 8440 |
| 37 | Taxxa u Bolla Jannar 2011 | C.I.R. | 1069.38 | 8441 |
| 38 | Avviż - Quotation 2011-01/01 | D.O.I. | 9.32 | 8442 |
| 39 | Petty Cash Jannar - 2011 | Cash | 193.48 | 8443 |
| | | **Total €** | **13833.56** | |

Segretarju Eżekuttiv Sindku V. Sindku/Kunsillier

Approvati fil-Laqgħa tal-Kunsill 421